MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Numru. 422/2015

**Il-Pulizija**

**[Spettur Carlos Cordina]**

**[Spettur Jason Francis Sultana]**

**vs**

**Oivend Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Oivend Xuereb detentur tal-karta tal-identita` numru 328885(M).

Akkuzat talli bejn it-12 ta' Mejju 2015 f'xi hin bejn 18:30hrs u 20:30hrs gewwa San Giljan:

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur li jeccedi l-€232.94 izda huwa inqas minn €2,329.70 minn gewwa 'The White House', Room 301, Triq Paceville, San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok ghad-detriment ta' Nicholas Paul Richard u ta' diversi persuni ohra; u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 266(1)(2), 267, 269(g), 279(a), 280(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli nhar it-13 ta' Mejju 2015 ghall-habta ta' 16:30hrs gewwa l-Gzira ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hasar dak li haddiehor ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli nhar is-7 ta' Mejju 2015 gewwa dawn il-Gzejjer ikkommetta harba semplici waqt li kien fil-kustodja ta' persuna/I nkarigati mill-kustodja tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. B'hekk renda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi saru defenittivi w ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur tal-Artikoli 49, 50 u 289 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija pjuttost refrattarja.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda a sostenn tal-piena applikabbli.

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri gew instigati wara l-harba tal-imputat mill-facilita' tal-Caritas (PIP) fejn l-imputat kien kwazi kkompleta b'success dan il-programm ta' sena u fejn anke' huwa kien gheleb id-dipendenza tad-droga u finalment kien sab xoghol remunerattiv.

Illi li gara kien illi fl-ahhar jiem ta' dan il-programm il-"key worker" tieghu Fleur Bianco infurmatu illi huwa kien ser jerga' jirritorna fil-facilita' korrettiva ta'

Kordin fejn kellu jkompli jiskonta l-piena tieghu u kien ghad fadallu ghoxrin (20) xahar hemmhekk. Illi hija qaltlu wkoll illi bhala koncessjoni kien inghata l-fakulta' li jkompli bix-xoghol li kien sab anke' meta dan kien jinsab is-CCF.

Illi l-imputat, meta ra r-realta' taqa' fuqu, tfixkel u ma hasibiex darbtejn u harab. Jirrizulta wkoll illi fil-perjodu li dam mahrub huwa kkommetta reat ta' serq li tieghu ukoll qed jammetti f'dawn il-proceduri.

Illi ghalkemm l-imputat Oivend Xuereb ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, din il-Qorti ma tistax tikkundanna sal-ahhar l-agir tal-imputat u dan ghaliex hija xi haga naturali illi meta persuna taghmel minn kollox sabiex tirrijabilita' ruha u sabiex issib it-triq it-tajba fil-hajja, tiskatta fiha rabja kbira meta tirrejalizza illi ser terga' tinghalaq fil-habs, anke' jekk forsi din il-persuna tkun ilha taf b'dan il-fatt. Di piu' u tenut kont tal-karattru timidu u estremament riservat tal-akkuzat illi ma jafx jesprimi l-emozzjonijiet bhal forsi persuni ohra.

Illi dawn l-emozzjonijiet kollha go mohh l-imputat irrizultaw fil-proceduri odjerni.

Din il-Qorti thoss illi ghalkemm l-imputat kellu hafna ghajnuna sija mill-PIP kif ukoll recentement mill-Probation Officer tieghu Matthew Fleri Soler fejn huwa kien ghamel kambjament kbir, xorta wahda ma kienx bizzejjed ghaliex psikologikament huwa ma kienx ghadu lest sabiex jaffronta certu problemi li seta' jiffaccja fil-hajja rejali. Forsi din it-tip ta' ghajnuna kienet tkun utili sabiex l-imputat jitghallem jiggestixxi l-emozzjonijiet tieghu u jkun aktar kapaci jaffronta b'aktar maturita' il-problemi li kien jaffaccja fil-hajja tieghu.

Ghal dawn il-motivi u filwaqt li rat l-Artikoli 17 (h),  49, 50, 289, 261 (b)(c)(e), 263 (a), 264 (1), 266 (1)(2), 267, 269 (g), 279 (a), 280 (1), 338 (ee), 338 (dd), 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fuq ammissjoni tal-imputat **Oivend Xuereb** ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena ta’ hmistax-il (15) xahar prigunerija effettivi.

Finalment il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex in vista tac-cirkostanzi indikati f’din is-sentenza, l-imputat jinghata kull facilita’ sabiex ikompli jirrijabilita’ ruhu anke’ permezz ta’ ghajnuna psikologika sabiex ma jitlifx ix-xoghol siewi li sar fil-programm (PIP) u sa fejn hu possibbli u fi zmien opportun, jerga’ jinghata possibilita’ ohra sabiex ikompli x-xoghol li kien sab qabel ma twettqu dawn ir-reati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------